MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1543/2010

George Muscat  ID 345941(M) ghan-nom
u in rapprezentanza tas-socjeta' Tacsum Ltd

Vs

Anton Zammit ID No 314741(M) kemm personalment
kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'
Brothers and Sisters in Christ (B.A.S.I.C.)

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba  ipprezenttat fit-8 ta Ottubru 2010 tal-attur pro et noe ghall-kundanna tal-intimati in solidum ghall-hlas ta' tlett elef, erba' mija tnejn u disghin ewro (€3492.00) rapprezentanti kera tax-xahar ta' Ottubru 2008 u parti mix-xahar ta' Novembru 2008 ghall-fond Mirage Hotel gewwa Triq John Borg, Msida.  Illi l-intimati minkejja li kienu interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjes kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew:

1) illi preliminarjament il-konvenut Anton Zammit kif imharrek personalment jeccepexxi illi huwa ma kera xejn minghand l-attur u ma ghandu x’jaghtih xejn u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2) Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3) salv kull eccezzjoni ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra l-affidavit tal-attur pro et noe George Muscat u l-affidavit tal-konvenut Anton Zammit;

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema it-trattazzonijiet tal-avukat difensuri tal-partijiet

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar is-7 ta’ Frar, 2011 li bih il-kawza thalliet illum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi f’din il-kawza l-attur pro et noe qed jitlob minghand il-konvenuti il-hlas ta’ kera ghall-perjodu ta’ Ottubru u parti mix-xahar ta’ Novembru 2008 ghall-fond Mirage Hotel, f’Triq John Borg, Msida.

L-attur esebixxa mal-affidavit tieghu l-kuntratt ta’ kera bejn il-partijiet fil-kawza odjerna, u cioe, bejn George Muscat ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Tascum Limited, Anton Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Brothers and Sisters in Christ (BASIC) u Anton Zammit f’ísmu propju. Dan kien ghaliex hu kien iggarantixxa

personalment u in solidum mas-socjeta Brothers and Sisters in Christ (BASIC) l-arrettrati ta kera u t-termini u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kuntratt. Il-kuntratt ta' kera huwa datat 18 ta' Dicembru 2008 u kellu jibda fid-9 ta' Jannar 2009. L-attur pero naqas ghal kollox milli jispjega b'xi mod ir-ragunijet ghaliex, kien hemm xi kera dovuta mill-konvenuti ghall-perjodu antecedenti ghall-kuntratt ta' kera esebit.

Min-naha tieghu l-konvenut Anton Zammit iddikjara fl-affidavit tieghu illi l-kirja bdiet fid-9 ta' Jannar 2009 u mhux qabel u cahad illi l-ammonti kienu dovuti kemm minn ghandu personalment u kif ukoll mis-socjeta Brothers and Sisters in Christ (BASIC).

Illi fic-cirkostanzi it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzjoni ohra hlief illi jaccetta l-eccezzjoni illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt. In vista ta' dan it-Tribunal ukoll ma jhossx illi ghandu jinvestiga l-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u jichad t-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------